DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/426

tas-7 ta' Marzu 2017

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fil-5 ta' April 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/552 ([4]), is-Sur Thomas KASTRUP-LARSEN ġie sostitwit mis-Sur Erik NIELSEN bħala membru.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Erik NIELSEN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sinjura Kirstine BILLE bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

— Is-Sinjura Kirstine BILLE, *Deputy Mayor of Syddjurs Municipality,*

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sinjura Kirsten JENSEN, *Deputy Mayor of Hillerød Municipality*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

L. GRECH

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/552 tal-5 ta' April 2016 li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 95, 9.4.2016, p. 12).